



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

4.9.2014

B8-0080/2014

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem fil-Greċja

**Udo Voigt**

RE\1033881MT.doc

PE536.982v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**B8-0080/2014**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem fil-Greċja**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fil-mument fil-Greċja tmien membri tal-Partit Sebħ tad-Deheb ilhom arrestati bejn wiehied u ieħor għaxar xhur, u dan fl-ewwel xhur seħħ mingħajr tneħħija tal-immunità; u barra minn hekk tmien membri oħra tal-Parlament Nazzjonali jinsabu taħt detenzjoni domiċiljari,
  1. Huwa tal-fehma li l-Parlament Ewropew għandu jinvestiga dan kollu u għandu jesprimi ruħu dwar kemm l-arrest ta' membri tal-Partit Sebħ tad-Deheb sar fuq pressjoni tal-Kummissjoni tal-UE; Sadattant, fi kwalunkwe każ, għandu jiġi eżaminat jekk teżistix evidenza skont l-istat tad-dritt li tiġġustifika arrest fit-tul u t-tneħħija tal-immunità tal-Membri Parlamentari Griegi, u jekk teżisti, liema hi,
  2. Huwa tal-fehma li l-Parlament Ewropew għandu jinvestiga l-isfond u l-bażi legali tal-azzjonijiet tal-awtoritajiet Griegi fil-konfront tal-mexxejja u l-Membri Parlamentari ta' dan il-partit u jeżamina l-kundizzjonijiet ta' arrest tagħhom b'mod urġenti; F'każ ta' insuffiċjenza ta' evidenza, il-Parlament Ewropew qed jiġi mħeġġeġ juża l-influwenza tiegħu fuq il-Gvern Grieg, sabiex dan jeħles lill-persuni arrestati mingħajr dewmien u jiżgura li l-Membri Parlamentari jergħu jibdew igawdu id-drittijiet parlamentari tagħhom.